ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St. Peter

## IT-TIENI LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 110**

**Il-Ħamis, 28 ta' Frar, 2019**

Il-Kumitat Amministrattiv St. Peter iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fis-6.00 ta' filgħaxija

**PREŻENTI:**

Mario Bartolo – Chairperson
Luciano Farrugia – Viċi-Chairperson
Norman Clews – Membru

**ASSENTI B'APOLOĠIJA**

Nicholas Azzopardi – Membru

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Ic-Chairperson, is-Sur Mario Bartolo ippresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.05pm

**110.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

110.1.1 Inqrat l-ittra ta' Apoloġija tas-Sur Nicholas Azzopardi u ġie meħud bħala skużat.

**110.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

110.2.1 Il-minuti tal- 109 laqgħa ġew ikkunsidrati bħala moqrija u approvati.

**110.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson**

110.3.1 Is-Sur Bartolo qal li dwar il-ħajt ser jerġa ikellem lil Salvu Busuttil minħabba li ma setax jiltaqa' miegħu ħabba impenji oħra.

110.3.2 Is-Sur Bartolo qal li fi Triq Dun Salvu Sciberras hemm tabella li tinsab eżatt quddiem entratura ta' residenza u ir-residenta qed titlob li kif jiżżewġulha t-tfal din tinqala temporanjament. Il-Kumitat qabel unanimament li kif titlobna inneħħuha minnufih.

110.3.3 Is-Sur Bartolo qal li dwar it-talba maʼ Infrastructure Malta li jsiru it-toroq, Triq il-Werżieq u Triq Zabrella għalissa ma jistawx isiru pero ser jitniżżlu għal quddiem. Għalissa ser isiru biss Triq Ħaż Żabbar u Triq in-naħla.

110.3.4 Is-Sur Bartolo qal li s-siġra ta' Triq L-għakux inżabret minn Lizio u ġibna skip miftuħa.

**110.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri;**

110.4.1 Is-Sur Luciano Farrugia qal li hemm bzonn li ssir bankina fi Triq San Leonardu minn Triq Zebellika għal Triq Żgħarun. Kulħadd qabel li nġibu stimi u issir.

110.4.2 Is-Sur Norman Clews qal li hemm bżonn li jsir ħajt ieħor fi Triq San Leonardu li qiegħed jaqa il-parti ta' fejn ic-Cimiterju. Kulħadd qabel li inġibu stima għalih. Apparti hekk sar qbil ukoll li jsir ħajt ieħor fejn il-playing field biex jiġi kif inhu xieraq.

110.4.3 Is-Sur Luciano Farrugia staqsa jekk jistgħu jinbidlu l-bozoz tal-bandli u jsiru LEDs. Kulħadd qabel li inkellmu lin-Nexos sabiex naraw xʼ ha tkun l-ispiża.

**110.5 Mozzjonijiet**

110.5.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

110.6 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

110.6.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.34 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal- 4 t' April

IFFIRMATA
Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-111 laqgħa li saret nhar il-Ħamis 4 t' April 2019.

IFFIRMATA
Mario Bartolo
Chairperson